

II

(Atti mhux leġislattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Ottubru 2010

dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jstabbilixxi Mekkaniżmu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim

(2011/58/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-24 ta' Frar 2006, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ negozjati mal-imsieħba tar-reġjun tal-Mediterran biex tistabbilixxi mekkaniżmu ta' soluzzjoni ta' tilwim marbut ma' dispożizzjonijiet kummerċjali.
- (2) In-negozjati tmexxew mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Kumitat appuntat skont l-Artikolu 207 tat-Trattat u fi ħdan il-qafas tad-direttivi dwar in-negozjati maħruġa mill-Kunsill.
- (3) Dawn in-negozjati ġew konklużi u ġie inizjalat Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jstabbilixxi Mekkaniżmu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim (minn issa 'l quddiem "il-Ftehim") nhar id-9 ta' Diċembru 2009.
- (4) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jstabbilixxi Mekkaniżmu tas-Soluzzjoni tat-Tilwim huwa approvat fisem l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tiegħu ⁽¹⁾.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna/persuni li għandha/għandhom is-setgħa tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim fisem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' Ottubru 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ASHTON

⁽¹⁾ It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat mad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.